MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 258/2013

A B

vs

CD u b'digriet tat-8 ta' Jannar 2014 Dr Mark Busuttil u il-PL Doreen Aquilina gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri T D u lill-assenti P D u d-Direttur tar-Registru Pubbliku

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li jippremetta :

1. ILLI l-intimata CD kienet mizewga lill-konvenut P D kif jidher mic-certifikat taz-zwieg (hawn anness u immarkat Dok A);
2. ILLI l-intimata CD u zewgha P D ilhom separati de facto mill-bidu tas-sena ta’ l-elfejn u disgha (2009);
3. ILLI nhar it-8 ta’Gunju 2013 twieled T D maghruf bil-kunjom D u billi twieled ai t-terminu stabbilit mill- artiklu 68 tal-Kodici Civili gie irregistrat mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku fl-atti tat-twelied tieghu li jgib in-numru 3839/2013, bhala wild il-konvenut P D, skond ma jidher mill-istess att li qed jigi hawn anness u ezebit bhala Dok B;
4. ILLI b’danakollu meta gie kkoncepit il-minuri T maghruf bil-kunjom D, il-konvenuta CD u zewgha l-konvenut P D kienu mifruda de facto u sahansitra hadd ma kellu hjiel fejn kien qed jghix l-istess P D; liema sitwazzjoni ghadha hekk sal-lum u dan wara illi z-zwieg taghhom kien ilu zmien li sfaxxa b’mod irrimedjabbli;
5. ILLI matul dan iz-zmien ma kien hemm l-ebda rikonciljazzjoni u wisq lanqas rapporti intimi bejn il-konvenuta CD u l-konvenut zewgha P D;
6. ILLI ghalhekk l-konvenut P D ma jistax ikun missier il-minuri T, peress illi hu u l-konvenuta CD ma kellhomx rapporti intimi bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri T u ghalhekk l-konvenut kien effetivament fl-impossibilita’ fizika li jammar mal-konvenuta CCuatjar minhabba li kien il-boghod minnha;
7. ILLI effetivament missier il-minuri T huwa l-attur A B u dan peress illi fiz-zmien meta l-istess T kien ikkoncepit l-attur u l-konvenuta CD kellhom relazzjoni bejniethom;
8. ILLI skond *DNA Paternity test report* maghmul minn Mr. Christopher Farrugia liema *test* qed jigi hawn anness u immarkat Dok C irrizulta illi l-attur A B effettivament huwa l-missier biologiku tat-tifel minuri T;
9. ILLI ghalhekk qed isir l-prezenti procedura sabiex;

    (i) Fl-ewwel lok jigi stabbilit u ddikjarat illi l-minuri T maghruf bil-kunjom D huwa effetivament il-wild naturali tal-attur A B u

mhux bin il-konvenut P D kif indikat fl-att tat-twelid bin-numru 3839/2013

(ii) Konsegwentament jigi korrett l-att tat-twelid bin-numru 3839/2013 sabiex jirrifleti din il-verita’ dwar il-paternita’ tal-minuri T.

Talab in vista tas-suespost li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tididkjara u tiddecidi illi l-attur A B huwa l-missier naturali tal-minuri T maghruf bil-kunjom D u konsegwentement:

2. Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri T D billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri jigu kkancellati l-kliem ‘P D’ u jigu sostitwiti b’isem u kunjom l-attur u cioe` ‘A B’ u tordna ukoll illi l-partikolarijiet relattivi ghal professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta’, ghall-post tat-twelid u residenza, u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu korretti kontestwalment billi jigu sostitwiti b’ dawk il-partikolarijiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza;

3. Tordna li l-kunjom tal-minuri ikun l-istess kunjom tal-missier naturali u cioe’ “B”;

4. Tordna jekk ikun il-kaz l-korrezzjoni f’kull att iehor relattiv u sussegwenti ghal tali certifikat tat-twelid;

5. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri T tkun kongunta bejn il-partijiet;

6. Tillikwida l-manteniment dovut mill-missier naturali ghall-minuri, u dan skond il-mezzi tieghu;

7. Tordna u tiffissa access xieraq li r-rikorrent ghandu jkollu versu l-minuri ;

Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi qed jiġi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri T D, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li jintlaqgħu' l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrent, l-esponent jinvita lill- attur A B sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-età tiegħu meta twieled il-minuri T D, (2) il-post tat-twelid tiegħu, (3) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-imsemmi minuri, (4) isem u kunjom ta' missieru u (5) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled il-minuri. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit T D bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 3839 tas-sena 2013;

3. Illi l-esponent jirrileva li fir-rigward tat-talbiet numru 5, 6 u 7 imnizzla fir-rikors promotur hu mhux il-legittimu kontradittur.

4. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta CD, li permezz taghha eccepiet;

Illi l-esponenti taqbel u tammetti l-premessi tar-rikors guramentat;

Illi madanakollu, l-esponenti ma taqbilx mat-talbiet kollha tar-rikorrenti u dana ghas-segwenti ragunijiet :

1. Illi l-esponenti m'ghandhiex oggezzjoni ghall-ewwel, it-tieni, it-tielet, is-sitt u s-seba' talbiet;
2. Illi mandanakollu hija topponi ghat-tielet talba u dan il-ghaliex hija tikontendi illi kunjom il-minuri ghandu jkun "B D" u mhux semplicement "B";
3. Illi l-esponenti, lanqas ma taqbel illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun wahda kongunta bejn il-partijiet; l-esponenti bhala omm thoss illi l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata lilha, b'dana illi l-minuri jirrisjedi maghha, b'access adegwat versu r-rikorrent;

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li mhux qed topponi ghall-ewwel, it-tieni, ir-raba, is-sitt u s-seba' talbiet kif impustati fir-rikors guramentat, qed topponi ghat-tielet u l-hames talba u ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent li huwa minn issa ingunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta CD;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba li originarjament bdiet bhala kawza mhux biss relatata mal-paternita' ta' T D izda wkoll dwar il-kwistjonijiet ancillari mal-istess minuri bhal ma huma l-kura u l-kustodja, kwistjonijiet ta' manteniment kif ukoll ta' access. Pero' fil-mori tal-kawza, l-partijiet waslu ghal ftehim dwar il-kwistjonijiet relatati mal-minuri b'dan li jibqa' biss lill-Qorti li tippronunzja ruhha dwar il-paternita' tal-istess minuri u dan *stante* li permezz ta' verbal tal-25 ta' Marzu 2014, il-partijiet qablu li ghandha tinghata sentenza biss fuq l-ewwel, it-tieni u r-raba' talbiet attrici. Min-naha tieghu ir-rikorrenti jikkontendi li minkejja li l-minuri T D li twieled nhar it-8 ta' Gunju 2013, twieled fiz-zwieg bejn l-intimata CD u l-

intimat assenti P D, l-istess wild m'huwiex l-iben naturali tal-istess P D izda hija l-wild naturali tieghu. Ghalhekk permezz ta' din il-kawza qieghed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li huwa l-missier naturali tal-istess wild u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tieghu billi l-konnotati ta' P D jigu kancellati minn fuq ic-certifikat taghha u jigu sostitwiti b'dawk tal-istess rikorrent.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Ir-rikorrent, permezz tar-rikors promotur jiddikjara li minkejja li l-minuri T D twieled nhar it-8 ta' Gunju 2013 twieled fiz-zwieg bejn l-intimata CD u l-intimat assenti P D, l-istess imsemmi T m'huwiex il-wild naturali ta' P D. Dan jikkonfermah bil-gurament tieghu kemm fir-rikors promotur li ta bidu ghall-proceduri odjerni u jikkorrobara l-istess permezz ta' test tad-DNA li huwa prezenta flimkien mal-istess rikors promotur.

Il-mertu tal-kaz odjern idur fuq il-fatt jekk ir-rikorrent irnexxilux jipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-minuri T m'huwiex il-wild naturali tal-intimat P D imma l-wild tieghu u konsegwentement jipprova li hemm lok li jigu meghluba l-presunzjonijiet legali emanenti fil-ligi applikabbli mal-paternita' u l-ulied imwielda fiz-zwieg.

Dwar il-hames eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li tirrilata dwar in-nota bid-dettalji tar-rikorrent, il-Qorti tirrileva li din baqghet ma gietx survolata b'mod formali ghalkemm irid jinghad li permezz tal-abbozz ipprezentat mill-partijiet, hafna mid-dettalji mitluba mid-Direttur tar-Registru Pubbliku jistghu facilment ikunu maghrufa mill-istess abbozz ipprezentat u ghalhekk, fid-dawl ta' dan, il-Qorti ma thossx li jkun xieraq li tichad it-talbiet abbazi tal-istess nuqqas u dan anke ghaliex l-maggor parti tal-istess dettalji huma maghrufa.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-eccezzjonijiet l-ohra imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku li kollha jduru fuq il-mertu tal-kaz odjern u cioe' jekk l-attur rnexxilux jaghti prova sal-livell rikjest mill-ligi li c-certifikat tal-minuri ma jirriflettix il-verita' u konsegwentement, rnexxilux jissorpassa u jeghleb il-presuzjonijiet legali msemmija minnu stess.

Naturalment, tali prova tista' facilment u bl-aktar mod kategoriku tingieb permezz ta' DNA test li huwa meqjus bhala l-prova regina f'dawn it-tip ta' kawzi. L-Qorti taghmel referenza ghad-DNA test esebit in atti[1] li juri bhala stat ta' fatt li l-missier naturali tal-minuri T huwa proprju r-rikorrent u mhux P D.

Il-Qorti tirrileva wkoll li fic-cirkustanzi, stante li huwa cert anke b'mod xjentifiku li l-intimat P D m'huwiex il-missier tal-imsemmija minuri, hemm lok li jsir bdil fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri b'dan li tali certifikat jibda jirrifletti l-fatti kif inhuma verament.

Illi in vista ta' dak suespost u in vista tad-*DNA test* li ma jhalli ebda ombra ta' dubju dwar il-paternita' tal-istess minuri, il-Qorti hija konvinta li jezistu dawk l-elementi necessarji sabiex jinghelbu l-presunzjonijiet legali tal-ligi sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid taghha hekk kif mitlub.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-attur A B huwa l-missier naturali tal-minuri Talesin;

[1] Esebit a fol 7 tal-process

(2) Tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri Talesin billi tordna d-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet necessarji fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri T li twieled nhar it-8 ta' Gunju 2013 billi fil-kolonna ntestata 'isem u kunjom missier it-tarbija' jitnizzel isem u kunjom ir-rikorrent A B li ghandu l-karta tal-identita' numru 403586M, iben Michael B, l-eta' li kellu r-rikorrent meta twieled il-minuri kienet dik ta' 26 sena u huwa mwieled il-Pieta'. Tordna wkoll li l-konnotati kollha relatati mal-istess rikorrent jigu mnizzla fl-istess certifikat tat-twelid tal-istess minuri;

(3) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba;

(4) Tilqa' r-raba' talba;

(5) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba;

(6) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba;

(7) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba' talba.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent u l-intimata CD fi kwoti indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------